**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum, 12 ta' Mejju 2022**

Rikors Numru: 275/21 AL

A B

vs

C D E

(MR Number 2315/2015)

Rat ir-rikors tar-rikorrent li permezz tiegħu ppremetta:

1. Illi l-partijiet inghaqdu fiz-zwieg fis-7 ta' Novembru 2015 u minn din l-ghaqda ma kellomx tfal;

2. Illi it-tnejn ottjenew is-separazzjoni personali in forza ta' Digriet moghti millOnorabbli Qorti Civili (Sezzjoni Familja) datata 3 ta' Lulju 2019, izda kienu ilom de facto separati sa mis-sena 2016;

3. Illi m'hemm l-ebda prospett ragjonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet state illi oltre l-fatt li ilhom aktar minn erba' (4) snin

separati, huma ghandhom hajja totalment separata u independenti minn xulxin;

4. Illi ma hemm ebda pendenza dwar hlas ta' manteniment minn xi parti fil-konfront tal-parti l-ohra, u dan anke ghaliex il-partijiet ddekadew reciprokament mid-dritt li jitolbu u jottjenu hlas ta' manteniment u dan kif jirrizulta minn klawsola numru sitta (6) tal-kuntratt ta' separazzjoni;

5. Illi dawn il-fatti jinkwadraw ruhhom u jissodisfaw il-kundizzjonijiet u kriterji kontemplati fl-Artikolu 66B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex il-partijiet jiksbu d-divorzju.

Talab lill-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:

1. Tippronunzja d-divorzju, ossia l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet;

2. Tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex fi zmien qasir u perentorju li ligi stabbilit minn din Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bill-hall taz-zwieg tal-partijiet, biex isiru d-debita registrazzjoni u annotamenti fl-atti civili relattivi fir-Registru Pubbliku u dan ai termini tal-Artikolu 66A(4) tal-Kodici Civili, Rapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Bl-ispejjez kontra l-intimata ingunta minn issa in subizzjoni.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti;

Rat l-affidavits bix-xiehda tar-rikorrenti;

Rat id-digriet tagħha tal-14 ta' Marzu, 2022;

Rat illi l-intimata debitament notifikata ma pprezentatx risposta u ma dehritx ghal dawn il-proċeduri;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mit-3 ta' Lulju 2019;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ipprova ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' ħlas ta' manteniment;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qegħda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi zmien għaxart ijiem millum, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti qegħda takkorċja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.